MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 2239/2000/1

**Mario u Louise konjuġi Camilleri.**

**-vs-**

**Samuel Attard.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-2 ta' Ottubru, 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fil-25 ta' Frar, 2000 għal xi l-5.30p.m., waqt li l-attur Mario Camilleri kien qed isuq *motorcycle* Guzzi Nru. 14U8043 – proprjeta' tiegħu u ta' martu l-attriċi Louise Camilleri – ġo Corradino Road, Raħal Ġdid, fid-direzzjoni tal-Fgura, safa'

involut f'inċident awtomobilistiku mal-*car* Renault Nru. IBD 025 misjuqa mill-konvenut (Dok. A);

Illi bħala konsegwenza ta' l-inċident, oltre ħsara konsiderevoli fil-*motorcylce* tagħhom, l-atturi ġarrbu danni konsistenti f'telf fl-introjtu mix-xogħol tal-attur Mario Camilleri li korra fl-inċident in eżami, kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi għall-inċident u bla konsegwenzjali dani kien jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut – interpellat biex jagħmel tajjeb għad-danni kollha subiti mill-atturi – baqa' inadempjenti;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-atturi;

2. tillikwida dawn id-danni tal-atturi occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundannah iħallas lill-atturi dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż - kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Marzu, 2000 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Lulju, 2000 – kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika tal-kumpanija ta' assikurazzjoni tal-vettura tal-konvenut bl-odjerni proċeduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta – u bl-imgħax skond il-liġi, kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-31 ta' Jannar, 2001 li permezz tagħha eċċepixxa;

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom stante illi għall-inċident in kwistjoni kien jaħti l-istess attur Mario Camilleri.

2. Illi la darba kien l-attur stess responsabbli għall-akkadut, m'hemm l-ebda ammont x'jiġi llikwidat biex dan jitħallas mill-konvenut.

3. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri u b'riserva għal kull eċċezzjoni spettanti lill-konvenut kontra l-attur Mario Camilleri għad-danni kkaġunati lill-attur lil konvenut fuq il-vettura tiegħu in segwitu għall-inċident *de quo*.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali nkluż it-trattazzjonijiet ta' l-Avukati.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2006 u dawk preċedenti li permezz tagħhom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara inċident stradali. Il-konvenut qed jikkontesta r-responsabilita' tal-inċident. Huwa dejjem għaqli f'kawżi simili li qabel ma jara x'qalu l-partijiet jeżamina l-iskizz u l-okkorrenza li saru meta seħħ l-inċident.

L-attur ġie rraportat illi qal (fol 6); "*stated that he was proceeding along Corradino Road Paoal towards Fgura in the outer lane (central strip side) and all of a sudden vehicle no.*

*IBD 025 came to his sude and dashed into his motorcycle.*"

Minn naħa tiegħu l-konvenut qal illi; "*He was proceeding along Corradino Road Paola towards Fgura in the inner lane; then he changed the lane to the outer lane (central strip side). Vehicle in front stopped due to pelican lights and he stopped behind it all of a sudden Motor cycle number 14U8043 dashed into his vehicle.*"

Kif wieħed jista' jara fil-waqt li l-attur jgħid li l-konvenut daħal ġo fih meta ġie jaqsam minn karreġjata għall-oħra, il-konvenut isostni illi huwa kien gia' daħal fil-karreġjata meta l-attur daħal ġo fih minn wara. Analiżi tal-provi u tar-ritratti tal-vettura tal-konvenut wara l-inċident jindikaw li huwa  l-attur li qed jgħid il-verita'. Infatti l-ħsarat fuq il-vettura tal-konvenut huma fuq in-naħa estrema tal-lemin (minn wara); il-probabilita' hi li kieku l-attur daħal ġol-konvenut meta dan waqaf il-ħsarat kienu jkunu aktar ċentrali. Barra minn hekk fuq punt wieħed l-artijiet qed jaqblu u cioe' li l-konvenut biddel il-karreġjata. Dan ifisser li għat-traffiku ta' warajh ħoloq stat ta' inċertezza meta ma kienx hemm għalfejn u hu stess ammetta meta ġie kontro-eżaminat li l-mutur tal-attur ma rahx qabel l-inċident meta suppost li hu vverifika t-traffiku li kien ġej minn warajh qabel ma biddel il-karreġjata. Għalhekk il-Qorti ssib lill-konvenut responsabbli għall-inċident.

Fir-rigward tad-danni l-Qorti ssib iktar diffikolta' fil-każ preżenti. L-attur li huwa *stuntman* ipproduċa ittra rilaxxat minn ċertu Steven Picerni li ddikjara li huwa kien ko-ordinatur tal-*film Pearl Harbour* u li l-attur minħabba l-inċident tilef iktar minn disat elef dollaru għal xahar xogħol għaliex ma setax jitla' l-Istati Uniti biex jieħu sehem fil-*film*. L-attur ipprova sodisfaċentement illi huwa *stuntman* għaliex ipproduċa provi ta' ħlasijiet li sarulu għal parteċipazzjoni *f'films* oħra ta' ċertu isem. Madankollu l-

Qorti ma tistax taċċetta daqshekk leġġerment il-previzjoni ta' qligħ tax-xhud imsemmi anke

għaliex għalkemm ġiet prodotta opinjoni ta' Avukat Amerikan dwar l-ammissibilita' tad-dokumenti msemmi bħala prova xorta jibqgħu dubbji dwar il-kredibilta' ta' dak li jiddikjara x-xhud għal dak li hu qligħ previst.

Fl-istess ħin il-Qorti ma tistax taħsel idejha u ma takkordax danni sempliċement għaliex l-attur kien qed jagħmel it-telf. Għalhekk kif osservat din il-Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited (1560/95 PS); "*Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta' liġi tagħna l-poter diskrezzjonali illi jilliwkida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom għall-iskop a' determinazzjoni ta' telf. Minn naħa tiegħu l-ġudikant hu tenut jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwisiti fil-proċess.*" Il-Qorti f'din is-sentenza, mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2004 iċċitat ukoll sentenzi riportati fil-Vol XXXV pt iii pagna 615 u Vol XXIX-i-1285.

Għalhekk il-Qorti se takkorda bħala danni likwidati *arbitrio bonii virii* is-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000). Fir-rigward tal-ħsara fil-mutur ukoll l-attur qed jippretendi ħlasijiet fil-fehma tal-Qorti esaġerati għaliex skond hu dan hu mutur uniku u li biex jissewwa għandu bzonn ta' *parts* li jridu jiġu mportati minnu apposta meta skond ix-xhieda tas-*surveyor* Alfred Farrugia (veru xhud prodott mill-konvenut) il-ħsara hija kkalkolata li tiswa' mija u ħamsa u disgħin Lira Maltin (Lm195) (fol 122). Il-Qorti tħoss li din l-istima hija aktar affidabbli bħala prova.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet kollha attriċi u**

**tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn, mija u ħamsa u disgħin Lira Maltin (Lm2,195); l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mill-llum. L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------